

LINJA BAĠITARJA 04.04.03.01

Sejħa għall-proposti "L-Istazzjonar tal-ħaddiema: it-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-aċċess għall-informazzjoni"

L-għan ta' din is-sejħa hu li jiġu ffinanzjati inizjattivi sabiex ikun hemm implimentazzjoni, applikazzjoni u infurzar aħjar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi fis-seħħ.

Il-kandidati eliġibbli jridu:

- jiffurmaw parti minn waħda mill-kategoriji li ġejjin: awtoritajiet pubbliċi, sħab soċjali, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, ċentri ta' riċerka u istituti, universitajiet u organizzazzjonijiet tas-soċjetajiet ċivili, imsieħba soċjali fil-livelli kollha, intrapriżi, kunsilli Ewropej tax-xogħlijiet;
- L-applikanti għandhom ikunu entitajiet legali kkostitwiti u rreġistrati kif xieraq, u jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom f' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew fil-Kroazja

Approprijazzjoni ta' impenn ta' EUR 2 440 000 iddaħlet għall-2013.

Id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet fl-2013:

- it-13 ta' Settembru 2013 għall-operazzjonijiet li jibdew bejn l-1 ta' Novembru 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013.

Għal aktar informazzjoni dwar l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-linja baġitarja, il-miżuri eliġibbli, il-kandidati eliġibbli, l-ammonti ta' kofinanzjament u regoli oħra, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sett sħiħ ta' struzzjonijiet għall-applikanti fis-Sejħa għall-proposti.

1.) MT

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=630&langId=mt>